MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 189/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**Vs**

**Mariella Grima**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta' Frar, 2004, ghall-habta tal-4.15 p.m., gewwa l-Phonelink ta' Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar, bi hsara ta' haddiehor, ghamlet qligh b'qerq ta' mobile phone Samsung, li jiswa iktar minn mitt lira Maltin (LM100) izda anqas minn elf lira Maltin (LM1000).**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-20 ta’ Settembru, 2004, li biha, wara li rat l-artikoli 21, 261(c), 280 u 279 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-imputata hatja tal-akkuza kif dedotta kontra taghha w ikkundannata ghal hlas ta’ multa ta’ mija w hamsin lira Maltin (LM150).

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fl-1 t’Ottubru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata w tilliberaha minn kull akkuza, htija w piena.

**Rat il-verbal tal-Prosekuzzjoni tat-28 t’ Ottubru, 2004 , li bih eccepiet in-nullita’ tar-rikors tal-appell stante li l-fatti fil-qosor ma jirreferux ghal-fatti tal-kaz izda semplicement ghar-rapport li sar fl-ghassa tal-Pulizija biex b’hekk hu nieqes in-ness necessarju bejn il-fatti fil-qosor u l-aggravji .**

**Fliet l-atti kollha processwali;**

**Semghet it-trattazzjoni kemm dwar din l-eccezzjoni tan-nullita’ tar-rikors**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi dwar il-pregudizzjali tan-nullita’ tar-rikors tal-appell , jigi osservat li ghalkemm fil-fatt dar-rikors jiddedika zewg paragrafi ghall-fatti fil-qosor, pero’ f’ dawn il-paragrafi kull ma hemm dwar il-fatti tal-kaz hu testwalment dan :-**

***“Illi fil-5 ta’ Marzu tas-sena 2004 certu Daniel Borg Olivier li huwa sid il-hanut bl-isem Phonelink sitwat Triq il-Mosta , San Pawl il-Bahar , mar jaghmel rapport l-ghassa tal-Pulizija tal-Qawra illi fil-11 ta’ Frar, 2004 , Mariella Grima marret fil-hanut tieghu biex tixtri mobile phone tal-ghamla Samsung komplut b’ GoMobile Card u din qalet lil mara tieghu li kienet sejra lejn il-karozza biex tigbor il-visa card ghall-hlas izda ma rritornatx lura u zammet il-mobile phone.”***

***"illi sussegwentement l-esponenti giet imressqa l-Qorti bl-akkuza odjerna;"***

**Illi d-difiza ssottomettiet li ghalkemm hi taqbel li kien ikun ahjar li kieku l-fatti fil-qosor ma gewx inkluzi taht x' kien intqal fir-rapport, il-fatti tal-kaz xorta huma kollha hemm . Il-prosekuzzjoni pero' rribadiet li l-fatti fil-qosor ma jitkejjlux bir-riga imma mis-sustanza li jkun fihom .**

**Issa hu ovvju li l-espozizzjoni tal-fatti kif saret fir-rikors tal-appell ma tirrigwardax il-fatti tal-kaz innifishom kif tarahom l-appellanti imma huma biss resume' ta' dak li l-parti leza suppost li rraportat fl-ghassa tal-Pulizija , bla pero' ma jsir l-icken accenn ghall-fatti li attwalment graw.**

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Dr. V. De Gaetano (illum Prim. Imhallef) fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet** "Il-Pulizija vs. Joseph Said**" [25.7.1994] :-**

*"Il-gurisprudenza, ormai kopjuza dwar in-nullita' tar-rikors tal-appell minhabba karenza tar-rekwizit tal-fatti fil-qosor , ma hix gurisprudenza bbazata fuq formalizmu jew inflessibilita' procedurali izda gurisprudenza bbazata fuq interpretazzjoni ragjonevoli tal-imsemmi dispost tal-ligi (Art. 419 (1)…"Il-principji stabiliti … jinsabu rispekkjati f'sentenzi aktar recenti bhal , per ezempju , "**Il-Pulizija vs. Lawrence Zammit u Paul Spiteri"** [25.7.1986] ; **"Il-Pulizija vs. Alfred Debono"** [23.4.1992] u l-"**Il-Pulizija vs. Julian Bonello"** [14.5.1992], lkoll appelli kriminali, jistghu jigu riassunti fis-segwenti tlitt propozizzjonijiet : (1) ir-rikors ghandu jkun fih espozizzjoni tal-fatti saljenti u essenzjali tal-kawza, esposti b' mod car u komplet , b' mod li l-kontroparti tkun tista' tifhem fuqhiex ghandha tiddefendi ruha jew tittratta , u b'mod li din il-Qorti tkun tista' ssegwi sewwa l-izvolgiment tal-kaz u tillimita d-dibattitu ghal dak li hu bzonnjuz u tirrikjedi l-iskjaramenti mehtiega; (2) il-ghalhekk ma jkunx sodisfatt il-vot tal-ligi jekk il-fatti jkunu sparpaljati b'mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwhom ; u (3) li certament*

*mhux il-kompitu tal-Qorti li toqghod tipprova tispigola l-fatti mill-aggravji jew vice versa. …f' dan il-kaz l-espozizzjoni tal-fatti hija karenti ghal kollox."*

**Fl-Appell kriminali** "Il-Pulizija vs. Vincent Fenech**" [17.10.1997], din il-Qorti ukoll preseduta mill-Imhallef Dr.V. De Gaetano qalet li ghalkemm** ***: "tfahhar kull sforz li jsir biex fl-atti gudizzjarji tigi kkoltivata l-prassi ta' l-ekonomija tal-kliem , hu evidenti li tali ekonomija ma tistax tkun a skapitu tas-sens u l-iskop guridiku ta' l-att in kwistjoni , cioe' ma tistax tkun ekonomija tali li ggib fix-xejn u tirrendi inoperattiv u bla sens dak l-att."***

**Illi fil-kors tat-trattazzjoni orali l-abbli difensur irrifera ghad-decizjoni ta' din il-Qorti fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Mckay u Stiano Agius" **[7.1.2004] fejn din il-Qorti kienet laqghet eccezzjoni simili ghaliex f' dak il-kaz il-paragrafu tal-fatti fil-qosor kien jaghti biss rezokont tal-iter processwali u xejn aktar, izda ssottometta li dan il-kaz ma kienx simili ghal dak.**

**Illi pero' jidher car li f'dan il-kaz ukoll l-espozizzjoni tal-fatti kif attwalment graw - u mhux kif allegatament irraportathom il-parti leza - hija ukoll karenti ghal kollox u anki fatti bhal per ezempju li l-parti leza kien habib mall-appellanti w li ghalhekk kien verosimili li jatiha mobile phone sabiex thallsu darb'ohra, li l-parti leza kien hedded lill-appellanti w li kien hemm certa animosita' bejn l-appellanti u mart il-parti leza – fatti li qed jigu dedotti mill-istess appellanti biex issostni t-tezi taghha li l-versjoni taghha kienet aktar attendibbli w verosimili , jissemmew f' parti ohra tar-rikors izda mhux fil-parti li tirrigwarda l-fatti fil-qosor.**

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-appellat Avukat Generali w tiddikjara r-rikors tal-appell tal-appellanti rritu w null ghax ma jissodisfax ir-rekwiziti mehtiega taht piena ta' nullita' mill-artikolu 419 (1)(a) tal-Kap.9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------